MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 562/1999/1

**Biagio Muscat**

**vs**

**Anthony Falzon u b'digriet tal-1 ta' Gunju, 1999, il-Korporazzjoni Enemalta kjamata in kawza.**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Lulju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 ta' April ta' l-1999 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas lill-attur is-somma ta’ tmien mija erbgha u sebghin lira tmienja u tmenin centezmu (LM874.88,0) bhala danni minnu kkagunati u subiti mill-attur in segwitu ghall-incident li gara z-Zejtun fis-7 t’Ottubru 1998 meta waqt li permezz tal-crane-truck Nru. CAG 429 kien qed jerfa’ arblu tad-dawl fil-kantuniera ta’ bejn Triq l-Isqof Zahra u Triq Sant’ Anglu laqat u kkaguna qtugh fil-linji tas-sistema tad-distribuzzjoni elettrika bil-konsegwenza li zviluppa voltagg eccessiv li ghamel hsara fil-beni tal-attur – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hu kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-12 t’Ottubru 1998, u dawk tal-ittra ufficjali tal-5 t’April 1999, u bl-imghax legali mill-5 ta’ April, 1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-18 ta’ Mejju ta’ l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi huwa mhux responsabbli ghad-danni mitluba mill-attur billi huwa mexa fuq l-istruzzjonijiet tal-ufficjali ta’ l-Enemalta u m’ghamel xejn skorret;

2. Illi huwa wahhal arblu tad-dawl bhala kuntrattur ta’ l-Enemalta fil-post indikat lilu mill-ufficjali ta’ l-Enemalta;

3. Illi mili jidher wiehed mill-wires li kienu ghaddejin mat-triq u li kellhom jehhlu ma’ l-arblu in kwistjoni kien misluh in parti u mikxuf u ghalhekk ma kienx insulat u dan mes ma’ l-arblu u kawza xort f’elettriku u nqata’, perikolu ghall-esponent li kien vicin ta’ l-arblu;

4. Illi fic-cirkostanzi l-esponent jitlob il-kjamata in kawza ta’ l-Enemalta Corporation;

Rat id-digriet taghha datat l-1 ta’ Gunju ta’ l-1999 li permezz taghha ordnat il-kjamata in kawza tal-Korporazzjoni Enemalta;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess Korporazzjoni kjamata in kawza datata t-22 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi l-azzjoni attrici hija kompletament infondata sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, stante li l-eccipjenti bl-ebda mod ma hi responsabbli ghall-hsarat ilmentati mill-attur;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont mitlub in liena ta' danni huwa ferma esagerat;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet x-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi waqt li fis-7 t'Ottubru ta' l-1998 gewwa Triq l-Isqof Zahra kantuniera ma' Triq Sant'Anglu, z-Zejtun, kien qed isir xi xoghol ta' tqeghid ta' arbli kien hemm wire tad-dawl maqtugh li konsegwentement ikkaguna qtugh fis-sistema tad-distribuzzjoni elettrika;

2. Illi rizultat ta' dan zviluppa vultagg qawwi li kkaguna l-hsarat rikjamati mill-attur fl-atti ta' din il-procedura, liema hsarat jammontaw ghal tmin mija u tmienja u sittin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu, (LM868.88,0), (ara fol 63);

3. Illi dan l-ammont ta' danni rikjamat mill-attur hu abbundantement ipprovat mid-dokumentazzjoni minnu pprezentata fl-atti ta' din il-procedura;

Ikkonsidrat:

Illi l-konvenut Anthony Falzon in sintesi sostni s-segwenti:

1. Illi x-xoghol tieghu jikkonsisti fit-tpoggija ta' l-arbli tad-dawl u illi oltre li hu armat sew ghal dan ix-xoghol kellu wkoll esperjenza ta' sena fl-istess xoghol meta sehh l-incident in dizamina;

2. Illi l-post preciz fejn haffer il-hofra biex ipoggi l-arblu in dizamina sar wara r-ricerka dovuta biex jistabbilixxi la hemm "cables" ta' l-elettriku fl-art, la hemm dranagg jew kanen ta' l-ilma u ghalhekk li jista' jhaffer minghajr perikolu;

3. Illi hu haffer wara li nghata struzzjonijiet appoziti biex jghamel hekk mill-Korporazzjoni kjamata in kawza tramite l-inginier inkarigat li wkoll assigurah li ma kien hemm xejn hazin;

4. Illi meta dendel l-arblu biex inizzlu fit-toqba isostni li ra xi hames jew sitt "wires" ta' l-elettriku imdendlin;

5. Illi isostni li dahhal l-arblu bejn il-"wires" u l-hajt u kif ghamel din il-manuvra l-"wires" sparkjaw, u wiehed minnhom inharaq u inqata;

6. Illi b'rizultat ta' dan sehhet il-hsara meritu ta' din il-kawza;

Ikkonsidrat:

Illi l-fakolta' teknika tal-konvenut hi necessarjament ristretta ghax-xoghol li effettivament kien jaghmel, cioe' li jhaffer il-hofra fejn jidhol l-arblu u jinfilza l-istess fl-imsemmija hofra li jkun ipprepara;

Illi l-fakolta' teknika rigwardanti l-elettriku tiqba' cirkoskritta fil-Korporazzjoni li wehedha hi intitolata tipprovdi s-servizz lilha assenjat;

Illi ghalhekk kwalunkwe xogholijiet li huma b'xi mod konnessi ma' l-elettriku jibqghu purament u esklussivament fir-responsabbilita' ta' l-istess Korporazzjoni;

Illi jirrizulta abbundantement assodat li l-konvenut hadem biss fuq struzzjonijiet specifici ta' l-imjegati tal-Korporazzjoni kjamata in kawza;

Illi in oltre ghandu jinghad li l-Korporazzjoni kjamata in kawza ghandha turi ferm aktar sensitivita' u serjeta' operattiva specjalment meta l-inadekwatezza taghha tista' tkun kagun ta' atti li jilledu s-sahha ta' persuni b'xi mod impjegati taghha jew qed jaghmlu xoghol fuq l-istess struzzjonijiet taghha;

Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u filwaqt li tilqa' wkoll l-eccezzjonijiet tal-konvenut Falzon tirrespingi dawk tal-Korporazzjoni kjamata in kawza u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-Korporazzjoni EneMalta kjamata in kawza esklussivament responsabbli ghad-danni kkagunati meritu ta' din il-procedura;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' tmin mija u tmienja u sittin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu, (LM868.88,0);

3. Tikkundanna lilll-Korporazzjoni EneMalta biex thallas dan l-ammont hekk likwidat lill-attur Biagio Muscat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mill-ittra ufficcjali tal-5 t'April ta' l-1999."

Il-Korporazzjoni Enemalta, kjamata fil-kawza mill-konvenut, appellat minn din id-decizjoni bl-aggravji rakkjuzi f'dawn it-termini:

i. Gjaladarba ma kien hemm l-ebda involviment dirett da parti taghha ma tistax titqies responsabbli ghall-event dannuz;

ii. Dippju ma rrizultat l-ebda kawza li b'xi mod tista' tirrendiha responsabbli b'mod indirett;
iii. F'kull kaz, il-kuntratt intervenut bejnha u l-konvenut kien jezoneraha minn kull htija.

Jinhass opportun illi qabel kull approfondiment ta' dawn l-aggravji jigu stabbiliti l-konsiderazzjonijiet ta' fatt li jemergu mill-provi akkwiziti. Konsiderazzjonijiet dawn, hawn isfel ri-epilogati, li fuqhom iridu jinkwadraw ruhhom il-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jghoddu ghal kaz.

Il-konvenut jiddefendi ruhu billi jressaq dawn iz-zewg kontenzjonijiet:-

(a) li hu ezegwixxa l-mansjonijiet lilu affidati skond kif dirett mill-Korporazzjoni appellanti;
(b) li <u>milli jidher</u> wiehed mill-wires sovrastanti kien misluh in parti u mikxuf u gjaladarba ma kienx insulat, meta mess mal-arblu li kellu jitwahhal ikkawza xort fl-elettriku.

Gjaladarba d-danni rizultanti, subiti mill-attur u ohrajn, huma skontati tant li ebda aggravju, u del resto l-ebda eccezzjoni ma tressqu fir-rigward, l-indagini jrid necessarjament u logikament japporta ruhu ghal kwestjoni tar-responsabilita` fl-ambitu tal-provi.

1. Jirrizulta mix-xhieda ta' Anthony Farrugia (fol 51), Senior Technical Officer mal-Korporazzjoni appellanti, illi xoghol il-konvenut-kuntrattur kien li bl-apparat tieghu jhaffer u jqieghed l-arblu fil-post li jindikalu hu, kif hekk sehh f'dan il-kaz. Il-mod kif il-kuntrattur jezegwixxi dan ix-xoghol hi prerogattiva tieghu, pero` jekk kien jirriskontra diffikoltajiet kien dover tieghu li jattira l-attenzjoni tal-Korporazzjoni.

Ex post facto l-incident dan ix-xhud jghid li l-wire li sab maqtugh kien dak neutral. Huwa jaskrivi l-qtugh ghall-fatt li l-wire inharaq. Il-cover kien mahruq u mhux ghax kellu 'wear and tear'. Zied jagguni illi huwa normali li neutral ikun mikxuf filwaqt li l-ohrajn ikunu miksija. Fi kliem dan

ix-xhud "*Jekk ma jintmissux ma jsir xejn; jekk jintmissu b'tali mod li jitnehha l-cover allura jisparkjaw*."

2. Ir-rapport tekniku tal-Professur Joseph Agius (fol 57) jikkonferma illi l-effett dannuz subit mill-attur kien dovut ghall-fatt tal-qtugh tan-'neutral wire' meta ntlaqat minn arblu tad-dawl tal-metall li kien qed jigi nstallat mill-kuntrattur meta dan, "*b'nuqqas ta' hila naqas li jikkontrolla l-moviment tal-'mobile crane' kif mehtieg*" (fol 58).

3. Il-konvenut, li xehed darbtejn f'din l-istanza (fol 68 u 89), jaghtina din l-ispjega ta' kif kien qed jikkonduci l-operazzjoni tieghu. Hu jghid li pogga l-arblu f'posizzjoni biex itellghu fuq, alzah, dahhlu bejn l-'overhead wires', ikkalkula minn taht fejn kellu jghaddi biex igibu fejn it-toqba li haffer, u f'dan il-process wire minnhom beda jisparkja, inharaq, dab u nqata'. Hu qal li dahhal l-arblu wara l-wires ghax il-Korporazzjoni hemm ridietu.

4. PS 1386 Anthony Agius (fol 22) li kkonduca l-investigazzjoni dwar l-incident stqarr li l-konvenut ammetta mieghu li waqt li kien qed itella' l-arblu laqat il-wire in kwistjoni. Ara rapport dettaljat ta' dan ix-xhud a fol 25.

5. Fl-ahharnett jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Emanuel Faure` (fol 99), Assistant Head fil-Korporazzjoni, illi dakinhar li l-konvenut ghamel il-bicca xoghol li gie nkarigat jaghmel ma kien hemm l-ebda kuntratt fis-sehh bejn il-partijiet.

Dawn kienu in succint il-provi li ngiebu ghall-attenzjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad f'din il-kawza. Issa hu minnu li in linea ta' massima Qorti ta' revizjoni generalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi minn Qorti ta' prim'istanza. Dan naturalment ma jfisserx illi fejn hekk jinhass necessarju, fl-interess tal-gustizzja sostanzjali, din il-Qorti ghandha toqghod lura u ma taghmelx hi wkoll l-ezami u l-apprezzament tal-istess provi biex tara u tassikura illi tabilhaqq issir gustizzja mal-parti li hekk thossha aggravata bil-konkluzjoni raggunta. Anzi, in

kwantu jikkoncerna din il-Qorti, hi proprju din il-prassi li generalment tigi segwita minnha.

Jinghad mill-ewwel, a skans ta’ ekwivoci, illi l-gudikant ghandu jokkupa ruhu minn dawk l-elementi tal-provi accertati li jirrizultawlu u ghandu jwarrab u jqieghed ‘in disparte’ supposizzjonijiet u sitwazzjonijiet ipotetici li ftit ghandhom riskontru fil-provi prodotti; aktar u aktar, imbaghad, meta dawn bl-ebda mod ma jiskossaw il-punt centrali tal-materja agitata.

Huwa minnu illi mill-att kostituttiv tal-Korporazzjoni – Kap 272 tal-Ligijiet – l-Enemalta hi fid-dmir li “tizviluppa u zzomm sistema efficjenti” (Art 3 (3a), u b’mod generali li “taghmel kull ghemil jew hwejjeg sabiex taqdi l-funzjonijiet taghha”. Fuq kollox, imbaghad, li tipprovdi ghas-sigurta` massima ta’ l-installazzjonijiet taghha illi huma ta’ riskju jew perikolu fejn jirrizultaw difettuzi jew mankanti, u li f’kull waqt tipprovdi servizz adegwat, kontinwu u efficjenti ta’ manutenzjoni.

Tali responsabilitajiet jirrizultaw mhux biss mill-Kap tal-Ligijiet fuq accennat izda wkoll mill-principji generali tad-dritt.

Dawn ir-regoli gwida, ghalkemm ta’ massima importanza, ma ghandhomx jigu applikati fl-astratt daqskemm fil-konkret tal-kaz partikolari, u dejjem bl-attenzjoni iffokata fuq il-provi certi li hekk jirrizultaw.

Hi norma kostitwenti l-punt kardinali tar-responsabilita` extra-kontrattwali jew akwiljana, kif inhu dan il-kaz, illi “kull wiehed iwiegeb ghall-hsara illi tigri bi htija tieghu” (Art 1031 tal-Kap 16). Norma din li tenuncja l-principju in virtu` ta’ liema l-lezjoni tad-dritt tobbliga lill-awtur ta’ l-istess lezjoni ghar-rizarciment tal-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terzi.

Hu kompitu tal-Qorti li mill-indagini u ezami tal-provi akkwiziti tindividwalizza din ir-responsabilita`. Responsabilita` li kapaci tigi determinata jew minn komportament kolpuz jew minn dawk il-kriterji l-ohra li

jridu jigu meqjusa ghall-iskop li wiehed jasal biex jakkolla l-incidenza ekonomika tal-fatt dannuz.

Il-Kodici taghna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx milli jippreciza li "jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (Art 1032 (1), Kodici Civili). Dan ragjonevolment ifisser illi wiehed jehtieg jikkollega l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mar-rekwizit tal-prevedibilita` ta' l-event dannuz. "Prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili" (Kollez **Vol XLVIII pI p258**).

Huwa pacifikament affermat illi qabel ma jindahal ghal bicca xoghol, kuntrattur ghandu jkollu l-kapacita` teknika mehtiega (**Vol XLII pI p517**). "*L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*" (**Vol XXVII pI p373**).

Huwa daqstant iehor assodat illi l-kuntrattur "*ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu u jekk jaghmel ix-xoghol hazin lanqas ma huwa eskluz mir-responsabilita` minhabba l-fatt li hu jkun qaghad ghal dak li ried il-kommittent, u jibqa' responsabbli l-istess jekk qabel ma beda x-xoghol kien jista' jkun jaf li fil-materja li fuqha kien ser jahdem kien hemm xi mankament, u li kwindi x-xoghol kien inutili*" – "**Sancio De Carlo pro et noe –vs- Emmanuele Cumbo et**", Appell Kummerc, 6 ta' Frar, 1956 riportata a Vol XL pI p485.

Dan ikompli mal-enuncjazzjoni stabbilita fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, tas-7 ta' April 1923 fil-kawza fl-ismjiet "**Nicola Vella –vs- Luigi Agius**" fis-sens illi "*e` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole dell'arte*".

Rapportat dan it-taghlim gurisprudenzjali ghall-kaz in ezami hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-konvenut ghalkemm gie lilu ndikat <u>fejn</u> kellu jahdem b'danakollu ma giex dirett

ukoll kif kellu jahdem. Ghallanqas dan ma jirrizulta minn ebda prova.

Il-konvenut jiddikjara kif hadem u kkonduca l-operazzjoni tieghu izda imkien ma jistqarr illi hu ghamel dan ghax hekk gie dirett jaghmel jew minhabba xi kostringiment.

Jista' jinghad ghalhekk illi l-mankament kien fil-lavorazzjoni tieghu u mhux fid-direzzjoni ta' xi addett fil-Korporazzjoni. F'kull kaz, u dan qed jigi rilevat ghall-grazzja tal-argument biss, kien jinkombi b'dover fuqu li ma jezegwiex direttiva li jkun jaf li tista' tipperikola u titrasgredixxi d-dettami tal-arti tieghu.

Jidher li l-konvenut kien bniedem ta' esperjenza f'dak ix-xoghol u allura kellu jassigura li l-operat tieghu jsir sew, utilment u b'mod li jiskansa kull dannu ghalih, ghall-kommittent li nkarigah u ghat-terzi. Jekk dan ma ghamlux il-konsegwenza logika tkun li hu jbati r-rizultat ta' eghmilu u jirrispondi ghad-danni li jsehhu.

Gie, a propozitu, ritenut illi "*l-kolpa, fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament, u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt, meta seta jipprevedi dak l-effett … … . Meta l-att li kkaguna d-danni kien jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza, ir-responsabilita` ta' min jaghmel dak l-att hija assoluta … … . Mhiex difiza tajba kontra din ir-responsabilita` l-allegazzjoni illi min ghamel l-att li gieb d-danni kien ilu jaghmlu zmien twil u qatt ma nqala' xejn, u li ghalhekk min ghamel dak l-att ma setghax jissupponi, li fil-kaz partikolari kien ser jinqala' dak li nqala*" - "**Annunziato D'Amato et –vs- Joseph Camilleri et**", Appell Civili, 3 ta' Marzu 1958 a Vol XLII pI p74.

Issa wkoll mill-provi prodotti ma ngiebet l-ebda prova sodisfacenti illi l-wire li ntlaqat mill-konvenut kien misluh u mhux insulat kif hekk jikkontendi l-istess konvenut. Din tibqa' biss allegazzjoni li ma giet sorretta minn ebda prova. Kuntrarjament ghal dak ritenut mill-konvenut fir-risposta ta' l-appell tieghu l-espert Professur Joseph Agius stabilixxa li l-kawza determinanti tal-event kienet in-non-

kuranza jew nuqqas ta' hila tal-kuntrattur, tant li kkonkluda li dan ghandu jinzamm responsabbli ghall-hsarat imgarrba fl-apparati tal-utenti taghhom.

Naturalment il-Qorti ma tistax taccetta l-argoment tal-Korporazzjoni appellanti dwar il-klawsoli kontrattwali, gjaladarba ma jirrizulta l-ebda kuntratt vinkolanti. F'kull kaz ghalkemm hu rikonoxxut illi patt ta' ezoneru hu validu u ammissibbli (**Vol XXXVI pI p319**), b'danakollu tali patt ma jezentax jekk fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt wiehed ikun tbieghed mill-mod kif suppost li kellu jesegwih. ("**Robert Borg –vs- Gio Maria Cini et**", Appell Kummercjali, 1 ta' Marzu 1969). Fil-kaz de quo ghal raguni gja spjegata l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha aktar fuq dan il-punt in kwantu l-ezercizzju jkun biss wiehed akkademiku.

Fl-assjem taghhom il-provi ma kellhomx jinducu lill-Qorti ta' Isfel tasal ghall-konkluzjoni li waslet fiha. Hi, anzi, l-opinjoni ta' din il-Qorti illi mhux biss il-provi ma gewx epurati sew talli l-ezami dwarhom kellu jwassal ghal konkluzjoni ben diversa minn dik raggunta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell interpost mill-Korporazzjoni Enemalta u thassar is-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------